# L-Arti tal-Mużika Matul iż-Żmien... u l-Festi Tagħna (II)

**Jikteb Philip Agius**

## Introduzzjoni

Fil-ktieb tal-programm tal-festa ta' San Filep – *Każin Banda San Filep – 2003*, rajna kif l-arti tal-mużika mxiet daqstant 'il quddiem mal-progress miksub mill-istess bniedem.

Bqajna ġejjin sas-sena 1851,meta proprju f'din is-sena, il-poplu Żebbuġi kien ikkonkluda bit-twaqqif uffiċjali fi ħdanu tas-Soċjetà Mużikali tiegħu – il-*Banda Musicale di San Filippo*.

## Żmien Ġdid

Wara din id-deċiżjoni jidher li l-festa esterna ta' San Filep kisbet idejn, sodi, b'riżultat li l-organizzazzjoni tagħha bdiet issir b'mod aħjar. B'dan kollu nħoss li nkun qiegħed nonqos lejn dawk iż-Żebbuġin li għexu qabel it-twaqqif tal-Banda Mużikali San Filippo fl-1851, jekk ma nistqarx li l-festa ta' San Filep, dejjem skond iż-zmien u ċ-ċikrustanzi li kien ikun fihom il-poplu Żebbuġi – qatt ma kien ikun jonqosha xejn.

Biss irridu ngħidu wkoll li mill-1851 'il quddiem wieħed jista' jara dokumentat li l-Banda Mużikali San Fiilippu, għamlet id-differenza fl-organizzazzjoni ewlenija tal-bidliet li bdew isiru b'riżq il-festa ta' San Filep, u festi oħra eżistenti f'Ħaż-Żebbuġ f'dak iż-żmien.

L-interess fil-Kappella Mużikali, tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep, kif ukoll fil-Banda Musicale San Filippo,kompla jikber b'mod li ma kinitx tintilef okkażjoni waħda, ġewwa l-parroċċa jew esternament f'Ħaż-Żebbuġ, dejjem skond il-ħtieġa, li ma kontx issib liż-żewġ naħat bl-aqwa esekuzzjonijiet mużikali tagħhom.

Min-naħa tas-Soċjetà *Musicale San Filippo*, kienet tikkollabora bis-sħiħ mal-*Maestro di Cappella*, tal-mument sabiex il-funzjonijiet ta' ġewwa l-parroċċa jitmexxew bl-aħjar, mod possibbli, u jkunu l-għaxqa tal-poplu, li kien ikun għaċċan jistenna dwar l-esekuzzjonijiet mużikali.

Eżempju sabiħ ta' dan, hu l-fatt dokumentat fil-*Ktieb ta' l-Irċevuti* – Festa ta' San Filep – parroċċa Ħaż-Żebbuġ, għas-sena 1857. Dak iż-żmien, il-knisja arċipretali kellha bħala *Maestro di Cappella* lil Maestro Luigi Grech Grandolini. Min-naħa l-oħra l-*Banda Musicale San Filippo*, kellha bħala direttur tal-mużika tagħha lil Maestro Filippo Galea.

Is-Surmast Filippo Galea pprovda tliet trombuni, sabiex idoqqu fi tliet servizzi ta' l-orkestra ġewwa l-parroċċa għal matul il-festa ta' San Filep. Ta' dan hu tħallas 7 skudi u 6 tari.

*Adi – 14 Maggio 1857*

*Io inprescritto dicharò d'aver ricevuto dal Sac. Tommaso Debono Proc. come sopra scudi sette, tari sei, per pagar tre tromboni che fanno suonato nella musica in tre servizzi.*

*(firma)* – ***Filippo Galea***

L-istess Maestro Filippo Galea, għal dak li għandu x'jaqsam mal-*Banda Musicale San*

*Filippo* ħallielna din l-istampa ta' dak li kienet twettaq il-banda kemm għal nhar lejlet il-festa ta' San Filep, kif ukoll għall-akkumpanjament tal-banda fil-purċissjoni ta' San Filep. Ma' dawn iż-żewġ servizzi mużikali jidhru wkoll ħlasijiet din id-darba għall-bibita li kienet tingħata lill-bandisti tal-banda mużikali.

Din id-darba qegħdin nieħdu bħala eżempju l-irċevuta li ġġib id-data ta' l-14 ta' Mejju 1858.

*Adi – 14 Maggio 1858*

*Io in prescritto dichiarò d'aver ricevuto dal Sac. Tommaso Debono Procte., scudi quaranta sette, tari uno, grano otto, cioè inquanto scudi 46 per la serata fatta nella vigiglia e nella processione della festa colla banda cioè di due servizzi e inquanto ad un scudo tari uno e grani otto per bevanda.*

*Sc. 47-1-8*

*(firma) –* ***Filippo Galea***

## Rakkolta ta' Valur

Bdiet is-sena 1859 u tista' tgħid fil-bidu tagħha, għax proprju nhar il-festa solenni ta' San Pawl, fl-10 ta' Frar, niltaqgħu ma' *rakkolta* li fil-ktieb tal-programm 2003, għamilna riferenza għaliha, bħala dokument ħaj, fejn tispikka ħafna l-ġenerożità u l-ħeġġa taż-Żebbuġin lejn il-banda mużikali tagħhom.

Iżda dan mhux kollox dwar din ir-rakkolta. Hemm ukoll il-valur storiku li jkun tajjeb li nagħtu każ tiegħu wkoll.

Meta kont qiegħed inħares lejn il-lista tan-nies involuti l-ewwel ħaġa li laqtitni hu l-fatt li jidhru f'post wieħed l-ismijiet tas-Surmastrijiet Diretturi Filippo Galea, Andrea Borg u saħansitra Angelo Galea li fl-opinjoni tiegħi huma fost il-personaġġi ewlenin li madwarhom imxew 'il quddiem il-baned tagħna.

Barra minn hekk, hu ħsieb f'waqtu għaliex le, li nirriflettu dwar x'għaqda kien hemm fost iż-Żebbuġin f'dawk is-snin. Għaqda sħiħa fi ħdan Soċjetà Mużikali waħda il-*Banda Musicale di San Filippo*.

Nafu li l-*Banda San Filippo*, sa mill-bidu tagħha kienet popolari kemm f'Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll barra mir-raħal fejn kienet tiġi mistiedna. Is-Surmast Direttur tagħha Maestro Filippo Galea ma kienx stabbilit f'Malta, allura dankien ifisser għall-banda li mhux dejjem kienet tiġi bżonnu u ssibu. Għalhekk id-diriġenti tagħha kienu ħasbu sa mill-ewwel mumenti ta' l-għixien tal-*Banda Musicale di San Filippo* biex jaħtru sostitut ta' Maestro Filippo Galea. Dan jidher li kien Mastru Indrì Borg.

Fil-ktieb *Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851* f'paġna 18, insibu hekk miktub:

*Mastru Indrì Borg ma kienx wiċċ ġdid mal-bandisti tal-Banda San Filippo, il-għaliex kien ilu jdoqq magħhom, u kien ukoll fl-aħħar xhur ħa post Maestro Filippo Galea.*

Is-Surmast Filippo Galea, iżżewweġ f'Novembru tas-sena 1851. Proprju nhar is-6 ta' dan ix-xahar. Wara dan iż-żwieġ hu rritorna lura fuq xogħlu, barra minn xtutna, fejn baqa' hemm sas-sena 1853.

U hawn nerġgħu nduru għall-ġrajja ta'din ir-rakkolta. Isem Mastru Indrì Borg irridu norbtuh ukoll ma' ċertu Giuseppe Balsan li flimkien ma' Gaetano Attard jidhru li għamlu ġabra mar-raħal kollu. Dan qiegħed jingħad għar-raġuni li fil-ktieb *Santa Katerina, il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq* insibu dan il-kliem u nikkwotawh:

*Eżatt f'nofs is-seklu (1851) niltaqgħu ma' isem il-famuż Andrea Borg li fiż-Żurrieq, il-banda mmexxija minnu kienet tħallset ftit iktar minn 29skud,* imma fis-sentejn ta' wara, *il-Prokuratur Dun Salv Magri, kien ħallas lil ċertu Giuseppe Balzan tal-banda.*

Fiż-Żurrieq, fl-1851, il-festa ta' Santa Katerina kienet saret fil-25 ta' Novembru. Kien perjodu wkoll ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ parroċċi taż-Żurrieq u Ħaż-Żebbuġ, u fuq kollox jispikka l-qbil ta' l-ismijiet, li fih innifsu għandu tifsira kbira ħafna.

Żewġ personaġġi oħra li nsibuhom jidhru f'din ir-rakkolta huma Michele Borg li nsibuh president tas-Soċjetà tal-Banda Mużikali San Filep, mis-sena 1856 sas-sena 1865, u lil Antonio Pisani li nsibuh ukoll president fis-snin 1865 sa l-1871.

Semmejna wkoll lil Gaitano Attard. Dan Gaitano, barra li nsibuh bħala president, fis-snin 1873-1874, fil-*Ktieb ta' l-Irċevuti tal-Festa ta' San Filep – Parroċċa San Filep – Banda u Mużika*. Għal diversi snin niltaqgħu miegħu jitħallas f'isem il-banda, għas-servizzi mużikali li din tkun wettqet fil-ġranet tal-festa ta' San Filep, kif ukoll sabiex jiddawwal il-palk tal-banda.

Gaetano Attard kien ħallas lil Calcedonio Attard il-Konzu, sabiex joqgħod għassa mal-palk tal-banda fis-sena 1891. Iktar tard lil dan Calcedonio Attard insibuh jifforma parti mid-deputati tal-kumitat fis-sena 1915, taħt il-President, il-Kuntrattur Giuseppe Cilia.

Iktar ismijiet, u niltaqgħu ma' Filippu Scerri. Din il-persuna tissemma f'*Il Portafoglio Maltese* – Ħarġa tad-9 ta' Mejju 1865 – fejn f'paġna 3, korrispondenza li kienet iġġib id-data tas-6 ta' Mejju 1865 iffirmata minn *Un Abbonato da Valletta* rringrazzja lis-Sur Filippu Scerri talli kien reġa' stampa bl-isem ta' Andrea Borg, is-sunett ta' Borg miktub fil-mużika, u ġie stampat kif kien iddettah l-istess Borg Andrea.

Tnejn minn nies magħrufa din id-darba fil-qasam tal-logħob tan-nar, li huma kienu jaħdmu għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep, u festi oħra.

Dawn huma Filippo Balzan, u Michele Balzan.

Filippo Balzan tidher riferenza għalih fil-gazzetta l-*Corriere Mercantile* – Ħarġa tal-Ħamis 12-5-1875 fejn waqt li xandret l-istampa tal-festa ta' San Filep, fir-rigward tal-logħob tan-nar, kienet qalet hekk:

*Bellissimi i fuochi d'artificio, opera di F. Balzan.*

Michele Balzan jidher kemm-il darba fil-kotba tal-parroċċa jitħallas għall-*guioco di fuoco* u tal-*murtaletti* li kien jaħdem kemm għal-lejlet, kif ukoll għal nhar jum il-festa ta' San Filep.

Lil dan Michele Balzan, iktar 'il quddiem insibuh jokkupa l-kariga ta' *Bidillu*, fil-Każin San Filep. Il-kotba tal-kaxxiera huma xhiea tal-ħlasijiet mogħtija mill-Każin San Filep lil Michele Balzan għax-xogħol li kien jieħu ħsieb jagħmel fil-każin.

Insemmu wkoll lil Filippu Mallia, li kien jieħu ħsieb id-dwal tal-festa ta' San Filep. Fis-sena 1862, lil dan Filippu Mallia, niltaqgħu miegħu fil-kotba tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep – Festa ta' San Filep, jitħallas ftit iktar minn 120 skud *Per Illuminazione*.

Minn dawn l-eżempji jidher ċar ħafna li l-istess nies li kienu mdaħħlin fil-*Banda Musicale San Filippo*, kont issibhom jaħdmu wkoll fi ħdan il-parroċċa, b'riżq il-festa ta' San Filep, u f'xi waħda mill-fratellanzi li f'dawk is-snin kienu ħafna attivi.

## Isem il-'Filarmonica San Filippo Jkompli Jikber

Sadanittant iż-żmien baqa' għaddej. Minn sena għall-oħra l-*Banda Musicale San Filippo* baqgħet tkabbar isimha. Il-banda tat sehem kbir fil-festa tal-miġja ta' l-istatwa tal-fidda ta' San Filep ġewwa Ħaż-Żebbuġ fl-1863. – Fil-festi tat-translazzjoni ta' din l-istatwa għal ġewwa l-parroċċa nhar it-8 ta' Mejju 1864, u fil-festa proprja nhar it-12 ta' Mejju 1864.

Minn żmien għall-ieħor, fil-gazzetti

lokali, wara l-ġranet tal-festa ta' San Filep sikwit kienu jidhru kitbiet ta' tifħir lill-banda.

Il-*Banda San Filippo* kienet magħrufa għall-marċi sbieħ u popolari tagħha, li bihom kienet takkompanja fil-purċissjoni ta' San Filep. – Dan ħareġ ċar ħafna wara l-inċident li kien inqala' f'Ħaż-Żebbuġ, nhar it-12 ta' Mejju 1880, waqt il-purċissjoni ta' San Filep, liema inċident ġie rraportat fir-*Risorgimento – Venerdi 14-5-1880*.

Fil-festa ta' San Filep tas-sena 1891 il-Banda Mużikali San Filippo kienet l-unika banda Żebbuġija li kienet ħadet sehem.

Dan jidher ċar ħafna minn kitba li dehret f'*Il-Ħabbar* – Ħarġa tal-Ġimgħa 29 ta' Mejju 1891 minn *Is-Soċju B.A.B.*

Minn din il-kitba ninnutaw ukoll li l-Banda Mużikali San Filep, kienet għadha wkoll iddoqq kemm nhar lejlet kif ukoll nhar jum il-festa ta' San Filep filgħaxija.

Nikkwota eżatt minn *Il-Ħabbar* – 29-5-1891.

***– IL-FESTA KBIRA TAŻ-ŻEBBUĠIN –***

*It-Toroq kienu armati b'mod li għaxxqu l-kull min rahom u armati mill-aħjar fil-waqt li erba' baned kienu jsemmgħu l-għola daqq; fosthom insemmu l-Filarmonica 'San Filippo' – banda imgħaqqda mill-aħjar ġuvintur li kkoperaw ruħhom kemm felħu sabiex din il-Festa tirnexxi mill-aħjar. Il-Baned ukoll ta' Bormla, ta' Ħal-Luqa u tas-Siġġiewi,marru tajjeb wisq. Il-giodifogu kien sabiħ ukoll, u dam jati fuq sigħa sħiħa. – Il-baned li daqqew lejlet il-Festa, daqqew ukoll narha; biss minn flok ta' Ħal-Luqa, dehret il-banda militari Ingliża tal-'Welsh', banda li damet iddoqq sad-(9.30) u nofs ta' bil-lejl.*

## Snin Storiċi għall-Baned Żebbuġin

Fis-snin ta' wara, bħalma kien intlaħaq ftehim bejn iż-żewġ baned Żebbuġin San Filippo u De Rohan li kellhom jibdew jolternaw bejniethom sena iva u oħra le fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, wara li l-Banda Mużikali San Filep għal aktar minn erbgħin sena kienet l-unika banda Żebbuġija takkumpanja din il-purċissjoni. Ġara wkoll li kien intlaħaq ftehim storiku bejn l-istess baned sabiex idoqqu t-tnejn lejlet il-festa ta' San Filep.

Għall-festa ta' San Ġużepp jidher li kien sar arranġament ukoll, fejn il-Banda Mużikali De Rohan kienet iddoqq lejlet din il-festa u l-Banda San Filippo, iddoqq nhar jum il-festa ta' San Ġużepp.

Ġrajja storika seħħet mija u għaxar snin ilu f'Ħaż-Żebbuġ li jistħoqqilha li tiġi mfakkra. Dan jirriżulta mill-gazzetta *Il-Verità* tad-19 ta' Mejju 1894 – kitba li ġġib id-data ta' l-14 ta' Mejju 1894, iffirmata *Żebbuġi*. – Nikkwotaw:

*Fuq il-baned ta' lejlietu nsemmu biss iż-żewġ baned tagħna, li għoġobhom jieħdu parti t-tnejn għall-famuża Festa tat-Titular. Għaldaqstant nifirħulhom it-tnejn b'qalbna kollha ta' l-impenn li għamlu sabiex għażlu żewġ programmi mill-isbaħ, u mill-aktar diffikultużi.*

*Filarmonica San Filippo*

| | | |
|---|---|---|
| March | "Le roi du monde" | Blejer |
| Overture | "Torneo" | Bugeja |
| Selection | "Cavalleria Rusticana" | Mascagni |
| Valse | "Fedora" | Bucalossi |
| Selection | "Faust" | Gounod |
| Polka | "Roma" | Manfrè |
| Galop | "Ralief Lucknar" | N.N. |

God Bless the Prince of Wales
God Save the Queen
G. Galea – Direttore

*Filarmonica Rohan*

| | | |
|---|---|---|
| March | "San Filippo" | Gatt |
| Overture | "Fantastica" | Mercadante |
| Selection | "I Due Foscari" | Verdi |
| Valse | "Kunsiler Stbinde" | Bubey |
| Area | "Beatrice di Tenda" | Bellini |
| Mazurka | "La Misteriosa" | Decesare |
| Galop | "Rohan" | Vassallo |

God Save the Queen
L. Gatt – Direttore

Din il-kitba dehret jumejn qabel il-festa ta' San Filep 1894. Imbagħad nhar it-2 ta' Ġunju 1894 fil-*Malta Tagħna*, dehret ittra oħra ffirmata minn *Żebbuġi Indipendent* li fost affarijiet oħra dwar il-festa ta' San Filep kiteb hekk:

*Iż-żewġ giodifochi li din is-sena saru, ġew imfaħħrin wisq. Il-Baned ta' lejlet kienu 2 tar-Raħal, waħda tal-Ġużeppini, u l-oħra ta' Birkirkara.*

Interessanti ninnutaw li l-Banda De Rohan kienet diġà b'xi mod magħrufa bħala l-banda tal-festa ta' San Ġużepp. Biss xorta waħda ż-żewġ baned jilħqu ftehim bejniethom.

Fis-sena 1895, jidher li din il-ġrajja reġgħet seħħet. Dan jirriżulta minn korrispondenza fil-gazzetta *Malta Tagħna* (f'paġna 3) – Ħarġa tat-18 ta' Mejju 1895. – Nikkwotaw:

*Lejlet il-Festa ta' San Filep, it-Toroq kienu ħuġġieġa wahda, baned kellna erbgħa, tnejn minnhom Żebbuġin; u erba' oħra nharu; ġigċifogu tnejn Sqallin; Opri ġodda, żewġ statwi Papa Pio IX u Leone XIII.*

## Il-Festi Titulari Jiġu Mkabbra

Kien żmien li l-festi sekondarji kienu qegħdin jikbru wkoll. Allura ġara li moviment mifrux ma' Malta kollha kien qiegħed jaħdem sabiex il-festi titulari jiġu mkabbra billi mal-programm mifrux fuq jumejn – lejlet u nhar il-festa, tiżdied ġurnata oħra, dik ta' l-aħħar jum tat-Tridu. B'hekk kien hemm il-ħsieb li l-programm tal-festi titulari esternament kellu jiġi mifrux fuq tlett ijiem li sa dak iż-żmien kienu għadhom isiru lejlet u nharha.

Meta dawn l-affarijiet ġew aċċettati l-baned tal-festi titulari bdew jgħamlu l-marċ u l-programm mużikali tagħhom nhar l-aħħar jum tat-Tridu u lejlet il-festa filgħodu jew wara nofsinhar kienu jagħmlu l-marċ ta' binhar. Lejlet il-festi u nhar il-festa filgħaxija mbagħad, kienu komplu mal-abed mistiedna u l-organizzazzjoni inġenerali tal-festi.

Il-Banda Mużikali San Filep bdiet timxi ma' dan il-ftehim billi tagħmel marċ u l-programm mużikali tagħha waħedha bħala s-Soċjetà Mużikali tal-festa ta' San Filep, l-aħħar jum tat-Tridu u lejlet il-festa wara nofsinhar kienet tagħmel il-marċ popolari tas-siegħa wara l-mota u l-isparar.

Min-naħa tal-Banda De Rohan kienet tagħmel is-servizz mużikali tagħha lejlet il-festa ta' San Filep flimkien ma' numru t'a baned mistiedna.

Fil-festa ta' San Ġużepp kien jitwettaq programm kważi simili biss fuq jumejn is-Sibt u l-Ħadd. Bil-Banda De Rohan iddoqq lejlet din il-festa u l-Banda San Filep iddoqq f'nharha flimkien mal-baned mistiedna.

Is-sehem tal-Baned Żebbuġin fil-festi ta' San Filep u San Ġużepp baqa' jitwettaq sas-sena 1904 –proprju mitt sena ilu.

Mill-festa ta' San Filep tas-sena 1905, il-Banda De Rohan kienet iddeċidiet li ma tibqax tieħu sehem fiha. Sabiex jimtela dan il-vojt min-naħa ta' din il-banda; il-Banda Mużikali San Filep, żiedet servizz mużikali ieħor għal nhar lejlet il-festa filgħaxija.

Issa s-servizzi tal-Filarmonika San Filep, bdew jidhru hekk għal numru ta' snin – l-aħħar jum tat-Tridu, lejlet il-festa fis-1.00pm; u lejlet il-festa filgħaxija.

Min-naħa tal-Banda San Filep, kienet iddeċidiet ukoll li ma tibqax iddoqq fil-jum tal-festa ta' San Ġużepp.

## Il-Festa Tissawwar għal Kif Nafuha Llum

Wara s-snin koroh tal-gwerra, il-festa ta' San Filep fi ħdan is-Soċjetà Mużikali – Każin Banda San Filep, laħqet il-quċċata tagħha. Iżda wara l-furja mixtieqa wara snin koroh tal-gwerra, ċertu użanzi antiki bdew jitilfu l-popolarità tagħhom. Jekk insemmu l-marċ ta' lejlet il-festa fis-1.00pm dan beda jitlef

mill-briju tiegħu, u l-aħħar darba li kien sar kien għall-okkażjoni tal-festa tas-sena 1954. Eżatt ħamsin sena ilu.

Fis-sena 1959, il-programm mużikali l-kbir ta' l-aħħar jum tat-Tridu reġa' ġie ttrasferit għal lejlet il-festa. Imbagħad fil-bidu tas-snin sittin beda jsir b'mod regolari l-marċ u programm mużikali nhar il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Filep min-niċċa.

Fit-22 ta' Ottubru 1961, infetaħ uffiċjalment it-12th May Band & Social Club li bdew jipparteċipaw fil-festa ta' San Filep mis-sena 1962.

Fis-sena 1967, il-Banda Mużikali San Filep reġgħet bdiet tagħmel il-marċ popolari ta' filgħodu f'jum il-festa ta' San Filep.

Ma' dawn l-attivitajiet mużikali, is-Soċjetà Mużikali – Każin Banda San Filep, żiedet servizzi mużikali oħra għal matul il-ġimgħa tal-festa, liema servizzi jiġu organizzati fil-ġurnata tat-Tlieta u tal-Ħamis, it-tieni Jum tat-Tridu. Dan ifisser li matul diversi snin il-festa popolari ta' San Filep esternament ġiet mibnija għal kif aħna lkoll nafuha llum – baned – logħob tan-nar – u attivitajiet soċjali.

Is-Soċjetà Mużikali – Każin Banda San Filep, kull sena tipprepara u twettaq programm mifrux mill-Ħadd tal-ħruġ ta' l-istatwa tal-fidda minn niċċa, sa jum il-festa bl-għeluq tagħha, bil-marċ ta' l-aħħar.

## 'Il Maestro di Cappella', tal-Parroċċa Tagħna – Rikard Bugeja

Wieħed mill-*Maestri di Cappella* likellha l-Parroċċa Arċipretali ta' San Filep, li bla dubju ta' xejn ħalla ismu minqux għal matul iż-żmien taċ-ċelebrazzjonijiet festivi kbar li kienu jsiru fl-istess knisja parrokkjali hu l-Maestro Riccardo Bugeja li kontinwament bħala surmast direttur ta' l-istess kappella, kien dam mill-1884 sas-sena 1918. Ma' dan il-perjodu hekk pjuttost twil, wieħed irid iżid xi snin qabel ukoll.

Rikard twieled ġewwa l-Belt Valletta fl-1845, u miet ġewwa l-Furjana fis-sena 1926.

Bħala mużiċist kien ħolqa fil-katina tal-familja Bugeja. Rikard wiret il-ġenju ta' l-arti mużikali mingħand is-Surmast Diretturi – Nannuh Pietro Paolo, Missieru Ċensu, u zijuh Filippu, li fi żmien jew ieħor, ilkoll kemm huma nsibuhom bħala *Maestri di Cappella* tal-Parroċċa Arċipretali ta' San Filep.

Rikard ma kienx kuntent biss, li twieled ġewwa familja ta' mużiċisti kbar, u ullura mħarreġ minnhom kif wieħed kien jistenna. Hu ried ikompli jipperfezzjona ruħu bi studju barra minn Malta ġewwa Napli, fil-Konservatorju San Pietro A. Majella, taħt mużiċisti ta' fama kbira, fosthom Mercandante, li kien iħares lejn l-istess Riccardo bħala l-alliev predilett tiegħu.

Rikard bniedem b'qalbu f'idejh, sensibbli, edukat u ta' sentimenti nobbli ma setax ma jiktibx opri mużikali klassiċi sentimentali, melodjużi u deskrittivi xi ftit iżżejjed. Hawnhekk spikkat il-mużika sagra – quddies, għasrien, responsorji, antifoni eċċ… Allura hu kien ġralu bħall-kompożituri Maltin l-oħra li ġew milquta mil-Liġi tal-Knisja, dwar il-mużika sagra fil-knejjes.

L-enċiklika *Motu Proprio* tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju X fl-1910 hekk kienet talbet lill-mużika sagra espressiva żżejjed li kienet waslet biex iddeġenerat ruħha, u minn sagra ħadet ix-xejra ta' profana xejn xierqa għall-Imqades mifruxa ma' dawn il-gżejjer kellha tieqaf.

Rikard bħala membru ubbidjenti tal-Knisja, għalkemm issa mgħobbi bis-snin flok qagħad iħaqqaqa ma' l-awtoritajiet ikkompona quddiesa, skond kif kien talab il-Papa ħadha Ruma, issottomettiha lill-Vatikan, u biha approvata mis-*Sagra Congregazione dei Riti*, ġie lura Malta, kuntent u milqugħ mill-ħbieb tiegħu. Hekk baqa' miexi sakemm saħħtu ppermettietlu.

Ritratt kbir ta' dan il-mużiċista ċelebri – il-*Maestro di Cappella* – Riccardo Bugeja – għadu sa llum iżejjen waħda mis-sawli tal-Każin Banda San Filep.

Bniedem bi statura qasira, imbaċċaċ, u b'wiċċ ħamrani iżda fuq kollox b'qalb kbira, u dejjem kien ikun lest sabiex jgħin lil kull min jiġi bżonnu fil-qasam tal-mużika. Hekk jibqa' jiġi mfakkar fostna lkoll.

Eżempj ta' xi nkiteb dwar Maestro Riccardo Bugeja fil-gazzetti ta' dak iż-żmien:

***'Corriere Mercantile' – Giovedi 12-5-1875***

*Nei Tempio, solenni le funzione, accompagnate da bellissimi concerti, diretti dall'egregio Maestro R. Bugeja.*

***'Il-Ħabbar' – il-Ġimgħa 29 ta' Mejju 1891***

*Il-mużika ġiet esegwita mill-imfaħħar Surmast di Cappella Bugeja – mużika li biha l-poplu ħareġ sodisfatt wisq, speċjalment għal dak il-'Laudamus tal-vjolinċell', u għal 'Qui sedes tal-vjolin', li saħħru lil kulħadd.*

***'Malta Tagħna' – 2 ta' Ġunju 1894***

*Qabel il-'Primi Vespri', saret Translazzjoni l-aktar imponenti, li biha ingħata bidu għall-Festa b'pompa ċċelebrata, fost armonija ta' mużika l-aktar sabiħa magħmula u diretta mis-Surmast Riccardo Bugeja, li kkompona, żejjinha b'dik ġdida Antifona – "O die Filippus posito Corpore", li kin ingħad minn persuni ta' din l-arti, waħda mill-isbaħ Antifoni li għandu.*

## Insellmu lill-Maġġur – Surmast Direttur – Anthony Aquilina

Minn ħdan il-Banda Mużikali San Filep, ħarġu għadd ta' mużiċisti magħrufa llum għall-kompożizzjonijiet tagħhom. Huma laħqu l-grat ta' surmastrijiet diretturi, u ġew imfittxija minn Soċjetajiet ta' baned oħra sabiex jidderieġuhom.

Illum it-tislima tagħna sejra tmur lill-Maġġur Anthony Aquilina li fil-qasam tal-mużika lokali, l-aktar fejn jidħlu l-baned u l-festi Maltin spikka mhux ftit, għaliex hu ħalla wirt sabiħ ta' marċi brijużi l-aktar fuq stil ta' melodija Spanjola; għaliex, kien iħobb ħafna kemm il-mużika Spanjola, kif ukoll dik Naplitana. Din il-ġibda għal din il-kwalità ta' mużika kienet trabbiet ġo fih sa minn meta kien tfajjel allura kien ifittex li jixtri diski b'dan it-tip ta' mużika. *Huwa kien iħobb jgħid li l-marċi tiegħu kienu joħorġu minnu nnifsu.*

Hawnhekk sejrin inżidu wkoll kliem it-tifel tiegħu stess, is-Sur Geoffrey Aquilina Ross, li kiteb hekk: *Din il-kullana ta' mużika msarrfa f'marċi hekk brijużi, lkoll ħarġu minn qalb missieri, u allura tħares lejhom li ma jeqdiemu qatt, u jibqgħu jferrħu għall-ġejjieni lill-pubbliku, inġenerali.*

Anthony twieled Ħaż-Żebbuġ fis-sena 1906. Missieru kien jismu Indrì u ommu Filippa. Barra minn Anthony huma kellhom ukoll tifla Marija. Dawn iż-żewġ ulied trabbew b'għożża kbira. L-ewwel snin tat-tfulija tagħhom għaddewha fid-dar li kienet iġġib in-numru ta' 14, Triq il-Parroċċa, imbagħad huma kienu marru joqogħdu iktar qrib lejn il-knisja parrokkjali fid-dar li kienet iġġib in-numru ta' 27, Triq il-Knisja.

Iktar ma beda jikber ġewwa familja ta' partitarji tal-Banda San Filep, fi żmien li l-banda kellha bħala surmast direttur lil Alfred P. Hare, it-tifel Anthony inħakem minn xewqa kbira li jibda jitgħallem il-mużika.

Kien żmien differenti mil-lum, u s-servizzi mużikali tal-Banda San Filep kienu numerużi kemm ġewwa Ħaż-Żebbuġ kif ukoll barra mir-raħal. Kien jiġri allura, li kull minkien ikun midħla tal-banda kien ikollu ħafna fejn jiġġerra mal-banda fejn din kienet tmur iddoqq.

Fl-aħħar il-missier Indrì kellem lid-diriġenti tal-Każin San Filep dwar ibnu Ninu. Dawn malajr irreferewh lil Wiġi Said likien wieħed mill-assistenti tas-surmast fil-Kumitat tal-Banda.

Wiġi kien jaħdem bħala ħaddied fi Triq il-Grazzja. Kien klarinettista prim. Hu kien imur jgħallem il-mużika ġewwa l-Każin San Filep, wara li kien jagħlaq il-ħanut tax-xogħol tiegħu.

Tistgħu taħsbu kemm feraħ Anthony, meta dan Wiġi laqgħu b'idejh miftuħa bħala alliev tiegħu. Iżda mhux qabel reġa' wissiegħ li jrid jara fih serjetà waqt it-tagħlim tal-banda.

Kien żmien meta l-allievi lkoll kemm huma kienu jafu li waqt it-tagħlim tal-mużika fil-Każin San Filep kienet tirrenja dixxiplina kbira.

Min-naħa ta' Wiġi Said li kien iħobb iżomm il-muftieħ tal-ħanut ta' ħaddied tiegħu f'idu, kien iħabbat in-noti bil-muftieħ minflok bil-bakketta. Kien jiġri, li meta l-allievi kienu jagħmlu ħażin, kienu jaqilgħuha fuq subgħajhom bil-muftieħ.

Is-Surmast Anthony Aquilina dwar dan iż-żmien fil-Każin San Filep kien iħobb jisqarr, *Li kienet din id-dixxiplina li kompliet issaħħaħ il-karatru tiegħu.*

Meta wasal sabiex jingħata l-istrument. Hu kien għażel il-klarinett. Kellu madwar erbatax-il sena, meta ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda San Filep. Tant kien tkisser b'mod tajjeb fit-tagħlim tal-klarinett li meta ħareġ idoqq Anthony kien daqq bħala solista t-terzett mill-opra *Lambardi* ta' Giuseppe Verdi taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Orlando Crescimanno.

F'dak iż-żmien ħafna bandisti mill-Banda San Filep kienu jdoqqu wkoll mal-Banda Ċittadina King's Own tal-Belt. Kienet l-hena tagħhom meta xi tfajjel ġdid kien joħroġ idoqq mal-Banda San Filep. Allura kien ġara li meta Ninu ta' Indrì,kif kienu jsibuh dak iż-żmien raw fih tfajjel hekk akkanit għall-banda tiegħu u jrid jimxi 'l quddiem wara ftit taż-żmien ħaduh magħhom sabiex jattendi għall-kunċert tal-Banda King's Own, u hemm jiftaħru xi ftit bih ukoll. Is-surmast direttur ta'din il-banda, l-Awstrijak Mro. Doncic mill-ewwel ħa grazzja ma' Anthony għax mill-ewwel kien ra fih talent mużikali kbir.

Iż-żmien kompla għaddej, u ż-żagħżugħ bandist Anthony Aquilina pperfezzjona d-daqq tiegħu mhux bil-ftit, kemm mal-Banda San Filep issa taħt id-direzzjoni ta' Maestro Adeodato Gatt, kif ukoll mal-Banda King's Own.

Ġurnata fost l-oħrajn, meta l-Banda King's Own kienet qiegħda tagħmel il-preparamenti tagħha, kien attenda l-kurunell ta' l-R.M.A. għal dan il-kunċert u staqsa lis-Surmast Doncic, jekk kellux lil xi ħadd jipprometti u li maż-żmien seta' jilħaq Surmast Direttur tal-banda ta' l-R.M.A. Is-Surmast Doncic kien pront irrikmanda lil Anthony Aquilina.

Dan serva sabiex Anthony Aquilina fi ftit tal-ġimgħat daħal bħala *band boy* mal-R.M.A. Kien żmien li barra hu sab lill-familja kollha tiegħu warajh kien sab ukoll l-inkuraġġiment tas-Surmast Adeodato u tal-Banda San Filep li komplew hekk tajjeb miegħu, jagħtuh kull għajnuna possibbli sabiex ikompli miexi 'l quddiem.

Fis-sena 1927 Anthony Aquilina ġie mibgħut l-Ingilterra sabiex jagħmel kors ta' tliet snin jispeċjalizza fil-klarinett, liema kors kien rebħu d-dritt għal borża ta' studju fir-*Royal Military School of Music* f'Kneller Hall Turchanham Scerrey, wara li kien ġie l-ewwel minn fost 300 bandist.

Kien żmien tajjeb ħafna għal Anthony, għaliex studja fuq l-istrumenti kollha. Tħarreġ fid-direzzjoni tal-banda, tgħallem jikkomponi, u jagħmel l-arranġamenti għall-orkestra u għall-istess banda.

Meta reġa' rritorna lura Malta, issa bħala *Warrant Officer Class I*, Anthony Aquilina ħa f'idejh it-tmexxija tal-Banda tar-*Royal Malta Altillery* u dam surmast direttur ta' din il-banda għal seba' snin, u wara nħatar president onorarju ta' l-istess banda.

Dan ġara fil-bidu tat-Tieni Gwerra

Dinjija, meta ġie mogħti lilu r-rank ta' *commision* fizzjal fl-armata fejn baqa' javvanza u meta rtira fl-età ta' 57 sena mill-R.M.A., hu kellu l-grad ta' maġġur.

Il-Maġġur Anthony Aquilina beda bħala direttur tal-baned lokali, fis-sena 1946, mal-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara u magħha dam sas-sena 1956. Fi ftit tal-ġimgħat sab ruħu maħtur surmast direttur tal-Banda King's Own tal-Belt fejn għamel sas-sena 1972.

Wara dawn is-snin hu għamel numru ta' snin bogħod mill-baned, iżda baqa' jikkomponi xorta waħda. Meta rtira mix-xogħol il-Maġġur reġa' bla mistenni rritorna lejn il-banda. Issa kellha x-xorti tkun il-Banda Sant'Antnin ta' Birkirkara li kienet għadha kif twaqqfet.

Min-naħa tal-Banda San Filep għadha sa llum issemma bid-daqq tagħha, il-marċi brijużi tal-Maġġur Anthony Aquilina, marċi bħal *Ix-Xiħ*, *Fiorentina*, *La Signora Rita*.

Is-Surmast Anthony Aquilina niftakruh iżur lil Ħaż-Żebbuġ – belt twelidu għall-okkażjoni tal-festa ta' San Filep. Jattendi dejjem fil-Każin San Filep, u hemm meta kien jiltaqa' u jitkellem ma' membri tamparu fis-snin kien iħobb jiċċajta u jidħak magħhom dwar żmien tfulithom.

Għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 1985. Il-funeral tiegħu nżamm ġewwa Birkirkara nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru fejn il-Banda Sant'Antnin daqqet matul il-korteo funebri. Ġie midfun fil-qabar tas-Soċjetà Filarmonika King's Own, fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

Wieħed qiegħed jinnota bi pjaċir li meta jingħaqdu t-tliet baned mużikali Żebbuġin f'*massed band*, qegħdin idoqqu marċijiet ta' dan is-surmast Żebbuġi. **Prosit.**

**Referenzi:**


- *Il Portafoglio Maltese*, 9-5-1865
- *Corriere Merchantile*, 12-5-1875
- *Risorgimento*, 14-5-1880
- *Il-Ħabbar*, 29-5-1891
- *Il-Verità*, 19-5-1894
- *Malta Tagħna*, 2-6-1894
- *Malta Tagħna*, 18-5-1895
- *Kotba tal-Kaxxiera K.B.S.F.*
- *Minuti K.B.S.F.*
- *Lapida tal-Presidenti K.B.S.F.*
- Ktieb – *Santa Katerina, il-Festa u s-soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq*
- Ktieb – *Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851*
- Ktieb – *Mużiċisti Kompożituri*, p.34, 35, 36, Rob. Mifsud Bonnici
- *Programm 1993 Każin tal-Banda San Gejtanu*, p.331, kitba mis-Sur Manoel Maggi
- Soċjetà Mużikali Sant'Antnin, Birkirkara, 1995 – *Il-Maġġur Anthony Aquilina Tifkira 10 Snin wara Mewtu*, p.69; Messaġġ minn Iben il-Maġġur, p.39
- Tagħrif Miġbur mingħand – Ġiuseppi Ciantar, Ġużepp Micallef, Ġużepp Psaila, Mro. Philip Gatt.
- Ktieb – *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli 19, u 20*, Joseph Vella Bondin. PIN.



## *Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851*

Ktieb ta' 275 paġna, li jinkludu 144 ritratt,
jiġbor fih l-istorja kompluta ta' din,
l-eqdem fost il-baned li hawn fil-gżejjer Maltin.

*Jista' jinxtara mill-Każin Banda San Filep f'żewġ verżjonijiet:*
*qoxra iebsa jew ratba.*